# QORTI CIVILI - PRIM'AWLA

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 11 ta' Frar 2020**

**Kawza Numru: 14**

**Rikors Guramentat Numru:-1072/2019JVC**

**John Fenech**

**vs.**

**Id-Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Guramentat fejn ir-rikorrent John Fenech kkonferma bil-gurament u talab kif isegwi:

1. Illi r-rikorrent twieled fit-tletin ta' Ottubru tas-sena elf disa' mija u tnejn u sittin (30.10.1962) u gie moghti l-isem *'Giovanni'* kif jidher mill-anness certifikat tat-twelid li jgib in-numru 6524/1962 (hawn anness u mmarkat Dok JF1);

2. Illi minkejja dan, san minn tfulitu, ir-rikorrent dejjem gie msejjah *'John'* mill-familjari tieghu u kif ukoll mill-hbieb, u ghamel zmien twil bl-impressjoni li ismu proprju kien *'John'*;

3. Illi d-dokumenti ufficjali tar-rikorrent, inkluzi l-karta tal-identita' tieghu, il-licenzja tas-sewqan tieghu (Dok JF2), servizzi provvduti lilu (Dok JF3 u JF4) kollha jindikaw li fil-hajja ta' kuljum tieghu, ir-rikorrent huwa maghruf bhala *'John'* u mhux bhala *'Giovanni'*;

4. Illi madanakollu, il-passaport mahrug lilu (Dok JF5), ismu qieghed jigi indikat bhala *'Giovanni'* u minhabba din id-diskrepanza, qed jigu kawzati lilu problemi fil-hajja ta' kuljum tieghu;

5. Illi ghaldaqstant r-rikorrent ghandu x-xewqa li l-isem li juza kuljum jigi rifless fic-certifikat tat-twelid tieghu sabiex ma jkollux iktar problemi f'dan ir-rigward, specjalment meta jasal biex juza l-passaport;

6. Illi din it-talba qed issir in linea ma' dak provdut fl-artikolu 253 tal-Kap 16;

Ghaldaqstant, l-esponenti qed jitolbu umilment lil din l-Onorabbli Qorti;

1. Tiddikjara li r-rikorrent ghandu jkollu l-isem *'John'* minflok *'Giovanni'* jidher fuq l-att tat-twelid bhala l-isem moghti lilu;

2. Tordna a tenur l-Artikolu 253 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta illi l-Att tat-Twelid iskritt fir-Registru Pubbliku bin-numru 6524/1962 jigi mibdul fis-sens illi fil-kolonna *"Isem il-Wild"* l-isem *'Giovanni'* jigi sostitwit bl-isem *'John';*

3. Tordna a tenur tal-Artikolu 253 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta illi l-bdil hekk effettwat fl-Att tat-Twelid iskritt fir-

Registru Pubbliku bin-numru 6524/1962 jigi rifless f'kull att tal-istat civili relattiv ghar-rikorrenti.

Bl-ispejjez kontra l-intimat li hu minn issa ngunt in subizzjoni.

Rat ir-Risposta Guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku kif isegwi:

1. Illi ghal dak li jikkoncerna l-mertu tal-kawza odjerna, l-esponent jirrileva li mhuwiex edott mill-fatti li gew iddikjarati fir-rikors guramentat.

2. Illi a tenur tal-Artikolu 253(2) tal-Kodici Civili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta), ir-rikorrent qed jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex taghti d-direzzjonijiet taghha biex b'hekk isem ir-rikorrent fl-Att tat-twelid tieghu jinbidel minn '*Giovanni*' ghal '*John*'. Sabiex jissostanzja t-talba tieghu, ir-rikorrent qieghed jannetti mar-rikors guramentat, numru ta' dokumenti u dan kif jitlob l-istess artikolu fuq imsemmi.

3. Illi l-esponent umilment jirrileva illi ghat-talbiet kif dedotti huwa jirrimetti ruhu ghall-ghaqli u s-savju gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti, salv pero' li l-provi migjuba jkunu l-ahjar u sodisfacenti f'ghajnejn il-ligi u dan sabiex tkun imsahha l-pozizzjoni tar-rikorrenti u cioe' illi tul hajjitu huwa kien konsistentament msejjah bhala 'John' u mhux 'Giovanni'.

4. Illi bla hsara ghal fuq espost, l-esponent jeccepixxi illi r-Registru Pubbliku m'ghandux jinzamm responsabbli ta' din id-diskrepanza fl-isem tar-rikorrenti stante li fil-kaz de quo, fuq l-Att tat-Twelid in kwistjoni, hawn anness u mmarkat bhala 'Dok. DRP 1', l-informazzjoni inserita kienet iddikjarata u kkonfermata minn missier ir-rikorrent. Ghaldaqstant, dan juri bic-car illi fil-kaz odjern ma jirrizultax illi kien sar xi nuqqas min-naha tar-Registru Pubbliku u b'hekk l-esponent ma ghandux ibati l-ispejjez tal-proceduri istanti;

5. Illi minghajr preguddizzju, ir-rikorrenti qed jitlob ukoll ai termini tal-Artikolu 253(3) tal-Kodici Civili illi ghandha ssir tali korrezzjoni f'dawk l-Atti tal-iStat Civili relattivi kollha. Illi sabiex ikun hemm dan it-tibdil, ir-rikorrent ghandu jispecifika liema huma dawn l-atti permezz tan-numru progressiv ta' kull Att relattiv.

6. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrent li qieghed jigi ingunt in subizzjoni.

Rat illi fil-verbal tal-lum stess il-partijiet qablu li l-kawza setghet tmur ghad-decizjoni.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti.

**Ikkunsidrat;**

Rat illi saret id-debita pubblikazzjoni;

Rat id-dokumentazzjoni annessa mar-rikors guramentat illi turi illi r-rikorrent filfatt kien rikonoxxut kemm fuq il-karta tal-identita' Maltija bl-isem 'John Fenech' kif ukoll fuq il-Licenzja tas-Sewqan, it-tnejn mahruga mill-Awtoritajiet Maltin li tindika wkoll l-isem 'John Fenech';

Rat id-dokumentazzjoni l-ohra esebita fl-atti;

Rat partikolarment l-affidavit tieghu esebit illum stess fejn huwa jiddikjara li mill-inqas ghal tnax-il sena shah ma kellu l-ebda problemi bid-dokumentazzjoni mahruga lilu izda malli l-passaport tieghu nbidel minn 'John' ghal 'Giovanni' beda jiltaqa' ma problemi u ghalhekk ghamel it-talba odjerna;

In vista tad-dokumentazzjoni kollha annessa, il-Qorti tqis illi t-talba tar-rikorrenti hija gustifikata u ser tghaddi sabiex tilqa' t-talbiet tal-atturi.

**Decizjoni**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti l-Qorti tghaddi sabiex taqta w'tiddeciedi dan ir-rikors billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tar-Registratur intimat sakemm dawn huma nkompatibbli ma dak hawn deciz tghaddi sabiex:

1. Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara li r-rikorrent ghandu jkollu l-isem *'John'* minflok *'Giovanni'* jidher fuq l-att tat-twelid bhala l-isem moghti lilu;

2. Tilqa' t-tieni talba u tordna a tenur tal-Artikolu 253 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta illi l-Att tat-Twelid iskritt fir-Registru Pubbliku bin-numru sitt t'elef hames mija erba' u ghoxrin ta' l-elf disa' mija tnejn u sittin (6524/1962) jigi mibdul fis-sens illi fil-kolonna *"Isem il-Wild"* l-isem *'Giovanni'* jigi sostitwit bl-isem *'John';*

3. Tilqa' t-tielet talba u tordna a tenur tal-Artikolu 253 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta illi l-bdil hekk effettwat fl-Att tat-Twelid iskritt fir-Registru Pubbliku bin-numru sitt t'elef hames mija erba' u ghoxrin ta' l-elf disa' mija tnejn u sittin (6524/1962) jigi rifless f'kull att tal-istat civili relattiv ghar-rikorrenti.

Tordna li d-Direttur tar-Registru Pubbliku jigi nnotifikat b'kopja tas-sentenza ta' din il-Qorti u dan skont l-artikolu 256 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fic-cirkostanzi bl-ispejjez kontra r-rikorrent stess;

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**11 ta' Frar 2020**

**Karen Falzon**
**DeputatRegistratur**
**11 ta' Frar 2020**